MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2010

Numru. 842/2010

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa')
vs
Daniel Robert Bezzina, iben John, imwieled l-Awstralja fit-2 ta' Mejju, 1986, Karta ta' l-Identita numru 502793(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fis-26 ta' Ottubru, 2009 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, ta ordni lil ħaddieħor biex jagħmel delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, għin jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, sabiex jiksbu xi vantaġġ jew benefiċċju għalihom jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita'

pubblika, xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tagħrif falz, u cioe' certifikat tal-VRT falz;
2. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanżi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmul b'risoluzzjoni waħda, ta ordni lil ħaddieħor biex jagħmel delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, għin jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti li bihom dawn, bħala operaturi jew persuni li kellhom liċenzja biex jittestjaw, ħarġu ċetfifikat li kien juri li l-vettura għaddiet mit-test meta l-istess vettura ma kinitx ġiet ittestjata.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 42(a)(d) u 188 tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta u l-ammissjoni bikrija. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------